MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Numru. 5/2010

**Il-Pulizija**
**(Spett. Dennis Theuma)**

**vs.**

**Jesmond Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jesmond Camilleri ta’ 38 sena iben Saviour u Madeline nee’ Borg mwieled Pieta fit-23 ta’ Ottubru 1970 u residenti Flat 2 ‘Independence Flats’ Triq l-Oratorju Naxxar, ID 465170 (M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fid-29 ta’ Marzu 2008 u fix-xhur ta’ qabel din id-data:

(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

(b) F'kaz ta' htija il-Qorti kienet mitluba titratta mal-imputat talli huwa ricediv b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u l-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja, u wara li rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li rat il-verbal id-digriet taghha tal-24 ta' Ottubru 2011 fejn cahdt it-talba tad-difiza ghal riferenza kostituzzjonali stante li l-imputat ma kienx gie assistit minn avukat qabel l-interrogazzjoni u rriteniet illi r-rimedju li ghandu jinghata ghal ksur ta' smiegh xieraq ta' l-imputata: "*huwa propju dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta'* ***Privitera*** *fuq citat u cioe li l-Qorti tal-Magistrati "tevalwa l-validita u l-ammissibilita tal-provi migjuba quddiemha" fid-dawl tal-konkluzjonijiet tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-atti tal-kawza odjerna ghandhom jibqghu intatti, pero*

*meta din il-Qorti tasal biex taghti s-sentenza ghandha tixtarr il-provi migjuba quddiemha sabiex tassigura li l-htija jew l-innocenza ta' l-imputata tigi esklussivament stabbilita minn provi mhux inkwinati minhabba li jilledu d-dritt ta' smiegh xieraq, u li l-istqarrija de quo ma jkollha l-ebda influwenza, diretta jew indiretta, fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri kriminali."*

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, pero din id-droga ma nstabitx materjalment fil-pussess tieghu u fis-seduta tal-24 ta' Frar 2012, gie verbalilzzat li *'l-partijiet jaqblu li l-provi tal-prosekuzzjoni jserrhu fuq l-istqarrija mehuda mill-imputat.'* F'din l-istqarrija, l-imputat ammetta li fl-ahhar xhur qabel l-istqarrija kien qed jabbuza mid-droga eroina. Pero, din l-istqarrija ittiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinietx tippermetti assistenza legali qabel isir l-interrogatorju, u konsegwentement din l-istqarrija ma jista' jkollha l-ebda influwenza diretta jew indiretta fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri kriminali ghaliex ittiehdet bi ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq tal-imputata, kif interpretat mill-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ewropea. Ghaldaqstant din l-istqarrija qed tigi skartata minn din il-Qorti. (ara fl-istess sens 'Pulizija vs Michelle Bugeja' deciza minn din il-Qorti kif preseduta fit-13 ta' Jannar 2012)

Illi, kif gie verbalizzat mill-partijiet stess, ma hemm l-ebda provi ohra kontra l-imputat, apparti l-istqarrija.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif wkoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat mhux hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------